MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru 2015.

Talba Numru:-770/14 AM3

Numru fuq il-Lista: - 28

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**
**Skyparks Business Centre Malta International Airport, Luqa**

**vs.**

**Antonio Augugliaro (K.I. 204478(M) )**
**'Equinox' Trq iz-Znuber c/w Oleander Street, Attard.**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentatfis-26 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu s-socjeta talbet il-hlas ta'disa mija u ghoxrin ewro u sebgha u

sebghin centezmu (€920.77) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi u prodotti ta' komuikazzjoni moghtija mis-socjeta attrici lill-konvenut.

Ra li l-konvenut ikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu s-socjeta attrici informat lil dan it-Tribunal li l-konvenut hallas is-sorte izda ghad ma kienx hemm ftehim dwar il-kap tal-ispejjez.

Ra l-verbali li saru miz-zewg partijiet fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2015 dwar il-kap tal-ispejjez

Ra li l-konvenut ma gab ebda prova dwar dak li allega fil-verbal tas-26 ta' Novembru 2015 cioe' li l-ispejjez tal-kawza kienet ser tassorbihom is-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jiddeciedi billi jordna li l-ispejjez tal-kawza huma a kariku tal-konvenut.

Dr Anna Mallia
Gudikatur